# Evidenza minn imnasab tal-għasafar tal-għana turi abbuż rampanti tad-deroga paraventu tar-'riċerka xjentifika'

## BirdLife Malta tikkontribwixxi fil-kawża li se tinstema' l-Hamis li ġej quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja

Hekk kif il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja qed tħejji għas-smigħ ta' din il-ġimgħa (Il-Hamis 7 ta' Marzu) fuq id-deroga paraventu tar-'riċerka xjentifika' dwar l-għasafar tal-għana fil-"Kawża C-23/23 Il-Kummissjoni Ewropea v Ir-Repubblika ta' Malta", BirdLife Malta ssottomettiet rapport dwar is-sejbiet li għamlet u dak li esperjenzat tul l-aħħar deroga għall-insib tal-għasafar tal-għana bejn Ottubru u Diċembru 2023.

Matul dan il-perjodu BirdLife Malta osservat b'mod sistematiku numru ta' mnasab sabiex tifhem aħjar l-impatti ta' din id-deroga tal-insib taħt l-iskuża ta' eżerċizzju ta' 'riċerka xjentifika'.

B'aktar minn 2,600 mansab għall-għasafar tal-għana rreġistrati tul il-ħarifa li għaddiet, fieldwork li wettqet BirdLife Malta żvela kif saħansitra numru akbar ta' mnasab kienu qed jitħaddmu illegalment, bi wħud minnhom jiġu rreġistrati mat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi (WBRU) wara li ġew irrappurtati lill-pulizija. Imnasab tal-għasafar tal-għana li kienu rreġistrati skont il-liġi wkoll kienu osservati jabbużaw mill-kundizzjonijiet tad-deroga, bl-għasafar tal-għana jinqabdu u jinżammu fil-każi kollha.

Il-Kap tal-Konservazzjoni ta' BirdLife Malta Nicholas Barbara qal: "B'sempliċi estrapolazzjoni, konservattiva ferm, ta' dak li rajna, nistmaw li matul l-aħħar staġun mill-inqas 51,400 għasfur tal-għana nqabdu fi mnasab awtorizzati, liema għasafar ġew miżmuma min-nassaba minflok ġew meħlusa kif suppost. Dan in-numru tasal għalih jekk tassumi li kull mansab qabad mill-inqas għasfur kuljum, anke jekk tikkalkula li 30 ġurnata biss mill-istaġun twil 61 jum kienu tajbin għall-insib. Minn dak li osservajna, in-nassaba rnexxielhom jaqbdu 65% tal-għasafar tal-għana li niżlu fl-imnasab, bil-kumplament tal-għasafar jirnexxilhom jaħarbu.

Fil-każi kollha tal-għasafar maqbuda, madanakollu, dawn qatt ma nħelsu. Dan huwa 'l bogħod ħafna minn kwalunkwe attività ta' riċerka xjentifika li suppost għandha l-għan li tilħaq id-deroga." Ma' din l-istqarrija qed nippubblikaw dawn il-filmati li jipprovdu evidenza ta' dan.

Ir-rapport jgħid ukoll li anke li kieku fit-teorija għasfur maqbud minn nassab tul din id-deroga kellu jinħeles, il-probabbiltà li dan l-għasfur jerġa' jinqabad f'mansab ieħor xorta tibqa' waħda għolja meta tqis l-istress fuq il-passa u l-impatt negattiv li jikkawżaw aktar minn 2,600 mansab attiv tal-għasafar tal-għana. Matul l-aħħar staġun in-nassaba rnexxielhom jirrappurtaw li qabdu biss 30 għasfur bi ċrieket minn pajjiżi oħra, waqt li fl-istess ħin qerdu mill-inqas 51,400 għasfur li ttieħdu mis-selvaġġ. Dan juri kemm din id-deroga mhux biss hija qarrieqa u paraventu għall-insib illegali, imma hija wkoll qtil mhux ġustifikat li ma rnexxielu jwassal għall-ebda data xjentifika notevoli.

BirdLife Malta wriet ukoll kif matul l-aħħar snin din id-deroga instigat aktar kummerċ illegali tal-għasfar tal-għana, b'eluf minn dawn l-għasafar jiddaħħlu Malta bil-kuntrabandu minn Sqallija biex jintużaw bħala għasafar tat-taħrik. Filmati li xxandru dan l-aħħar fil-midja lokali juru l-miżerja u l-krudeltà orribbli li jgħaddu minnha dawn l-għasafar tal-għana meta jinżammu f'gaġeġ żgħar jew jintrabtu fl-imnasab biex jittajru 'l hawn u 'l hemm bħala lixka ħalli jattiraw għasafar tal-għana oħra li jkunu qed ipassu sabiex dawn ukoll eventwalment jgħaddu mill-istess destin kiefer. Ara dawn il-filmati hawnhekk.

Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana sostna: "Aħna fiduċjużi li l-Kummissjoni Ewropea u l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja se jwaqqfu din id-deroga tal-insib darba għal dejjem. Minbarra li jwaqqa' x-xjenza għaċ-ċajt, l-insib għall-għasafar tal-għana – li huma protetti madwar l-Ewropa kollha – imur kontra dak li ġie miftiehem fit-Trattat ta' Sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, minbarra li jikser ukoll id-Direttiva Ewropea dwar l-Għasafar u jmur ukoll kontra s-sentenza storika tal-2018 li biha l-Qorti Ewropea kienet sabet lil Malta ħatja li kisret il-liġi Ewropea meta ppermettiet li jerġa' jinfetaħ staġun tal-insib għall-għasafar tal-għana."

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Holoq utli (ikklikkja fuqhom biex tiftaħhom):**

- Il-Kawża C-23/23 Il-Kummissjoni Ewropea v Ir-Repubblika ta' Malta: is-smigħ li se jsir nhar il-Hamis fil-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja
- Tagħrif dwar l-insib f'Malta u l-istorja tad-derogi tal-insib

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/t-388xutH9pp**

1. Għasfur tal-għana użat biex jattira għasafar oħra (decoy) tul l-istaġun tal-insib (Ritratt ta' Nicholas Barbara)
2. Mansab għall-għasafar tal-għana (Ritratt ta' Nicholas Barbara)
3. Mappa mħejjija minn BirdLife Malta li turi l-firxa tal-imnasab madwar Malta u Għawdex fl-2023. Agħfas hawn għall-verżjoni online.

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://we.tl/t-kaX1ZK4hRu**

1. Kampjun mill-video bl-evidenza inkluż fir-rapport ta' BirdLife Malta li juri kif in-nassaba qed iżommu l-għasafar tal-għana li jaqbdu, minflok jeħilsuhom (Filmati ta' BirdLife Malta, muntaġġ ta' Murat Gelir)
2. Filmati li xxandru dan l-aħħar fil-midja lokali li juru l-miżerja u l-krudeltà li dawn l-għasafar ikollhom jgħaddu minnhom meta jintużaw bħala lixka, miżmuma f'gaġeġ żgħar jew marbutin minn saqajhom (Filmati ta' ONE TV)